ARB/C053/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 22nd October, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature – (Magistrate Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D.). Compilation Number 371/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

REDENT ZAMMIT;

MARCIA YVETTE ZAMMIT;

CHANTELLE ZAMMIT, works in operations, 27 years, daughter of Redent Zammit and Marcia Yvette Zammit née Cassar, born in Tal-Pietà, Malta on the 20th July, 1998, residing at 169, St. Mary, Triq il-Merħba, Fgura, and holder of Maltese Identity Card bearing number 262798M.

ANDREW ZAMMIT;

AND

MARY ROSE PISCOPO;

The Court AUTHORISED CHANTELLE ZAMMIT that any outstanding balance in connection with the renewal of the HSBC Life Assurance (Malta) Ltd insurance policy issued in her name shall be made from the bank account registered in her name and held with Bank of Valletta plc and affected by the said Freezing Order, that is, from the account ending in -4998, to her account ending in -1050 registered in her name and held with HSBC Bank Malta plc, which is affected by the same Freezing Order.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech LL.D.) on the 15th July, 2021 which was published in the Government Gazette on the 20th July, 2021 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to **Redent Zammit**, **Marcia Yvette Zammit**, **CHANTELLE ZAMMIT**, **Andrew Zammit** and **Mary Rose Piscopo**.

Today, 27th October, 2025

Ms Eunice Grech Fiorini
Director, Asset Recovery Bureau

ARB/C053/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Ottubru, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – (Maġistrat Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 371/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

REDENT ZAMMIT;

MARCIA YVETTE ZAMMIT;

CHANTELLE ZAMMIT, taħdem fl-operat, ta' 27 sena, bint Redent Zammit u Marcia Yvette Zammit xebba Cassar, imwielda Tal-Pietà, Malta fl-20 ta' Lulju, 1998, residenti ġewwa 169, St. Mary, Triq il-Merħba, Fgura u detentriċi ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 262798M.

ANDREW ZAMMIT;

U

MARY ROSE PISCOPO;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill CHANTELLE ZAMMIT sabiex kwalunkwe bilanċ pendenti in konnessjoni mat-tiġdid tal-polza tal-assikurazzjoni HSBC Life Assurance (Malta) Ltd maħruġa f'isimha, għandu jsir minn kont bankarju miżmum f'isimha mal-Bank of Valletta plc u milqut bl-imsemmi Ordni ta' Iffriżar u ċioe mill-kont li jispiċċa bil-numru -4998 għal ġol-kont tagħha li jispiċċa bil-numru -1050 miżmum f'isimha mal-HSBC Bank Malta plc, li huwa wkoll milqut bl-istess Ordni ta' Iffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra *Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech LL.D.), fil-15 ta' Lulju, 2021 li ġiet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' Lulju, 2021 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma propjetà ta' **Redent Zammit**, **Marcia Yvette Zammit**, **CHANTELLE ZAMMIT**, **Andrew Zammit** u **Mary Rose Piscopo**.

Illum, 27 ta' Ottubru, 2025

Is-Sinjura Eunice Grech Fiorini
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi